MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 197/2008

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ B A fejn dan, wara li ppremetta:

Illi r-rikorrent izzewweg lill-intimata fil-hdax (11) ta’ Jannar 1997 certifikat taz-zwieg Nru: 50/1997 (Dok. A).

Illi huma ffirmaw kuntratt ta’ firda personali fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat fl-erbgha (4) ta’ Dicembru 2007 (Dok. B).

Illi l-kunsens ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha da parti tal-partijiet.

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-Artiklu 19 (1) (d) u/jew (f) tal-Att Nru. XXXVII tas-sena 1975 li jirregola z-Zwigijiet.

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kontrattat fil-hdax (11) ta' Jannar 1997 bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dana ghal fuq indikati.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' D C fejn din eccepiet:

Illi hija taqbel illi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet nhar il-hdax (11) ta' Jannar 1997 huwa null u minghajr effett, izda dan ukoll ghal ragunijiet imputabbli lill-attur. Illi hija taf b'dawn il-fatti personalment.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Il-Qorti tibda biex ittenni dak li esprimiet il-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Anna Tonna vs Alexander Tonna**", (deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991):

"*F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli*

*bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullamnet tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawza li ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju*."

Il-Qorti tenfasizza ukoll li, f'materja ta' nullita' ta' zwieg, il-mument essenzjali li dwaru jridu jduru l-provi huwa precizament il-mument tal-ghoti tal-kunsens. Kull ma gara bejn il-partijiet u fiz-zwieg wara dan il-mument jista' jkun biss ta' hjiel dwar l-ezistenza o meno ta' difett fl-istess kunsens. Fil-kaz in ezami, l-attur ressaq diversi provi li, ghalkemm principalment koncessi ma' sitwazzjonijiet li graw wara z-zwieg, juru car in-natura tal-karattru tal-istess intimata martu li l-Qorti tqis li kienu zgur ezistenti qabel iz-zwieg.

Il-partijiet izzewgu meta l-intimata kellha biss dsatax-il sena, dan wara li kienu ltaqghu meta hi kellha biss hmistax-il sena. Il-koppja f'dan iz-zwieg ghaddew minn diffikultajiet kbar waqt iz-zwieg, liema diffikultajiet komplew enfasizzaw in-nuqqasijiet ta' bejniethom.

Fil-kawza "**Janet Portelli vs Victor Portelli**" (deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Awissu, 1995), il-Qorti tal-Appell irriteniet illi:

"*It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for nuptial; (3) or finally when either party*

*contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (<u>autonomia</u>) from all force from within*."

Imbaghad fil-kawza "**Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-4 ta' Novembru, 1994):

"*B'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita', il-parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg*."

U fil-kawza "**Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fis-26 ta' Ottubru, 2000):

"*Fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi minn dik il-fakolta' kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju*."

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, din il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielu jipprova t-talba tieghu ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fil-11 ta’ Jannar 1997 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------